Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 329/2014

**Emanuel Pace**

**Vs**

**Y & P Marketing Limited**

11 ta' Dicembru, 2017.

1. Permezz ta' rikors prezentat fis-6 ta' Ottubru, 2014, l-attur talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallsu s-somma ta' tlett elef tmien mija u sitt euro u centezmu (€3,806.01) rappreżentanti nuqqas ta' hlas ta' *notice money* ghal ghaxar gimghat fuq paga ta' €309.51 u dan skont l-Artiklu 36(5)(e) tal-Kap. 452 peress li kien ilu aktar minn 8 snin jahdem mal-kumpannija. Kif ukoll inkluz l-ammont ta' €710.91 hlas nieqes ta' *overtime* mahdum u mhux imhallas. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru, 2013, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali mill-istess ittra ufficjali.

2. Il-konvenuta wiegbet:

> *"1. L-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ratione materiae in kwantu qed jintalab hlas ghal notice money skont l-artikolu 36 (5) et seq tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *2. Ir-res judicata u dan peress illi diga' nghatat decizjoni mit-Tribunal Industrijali bejn il-kontendenti dwar it-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent, u l-hlas li kien dovut lilu b'konsegwenza ta' din it-terminazzjoni, liema hlas gie effettwat mis-socjeta' intimata u accettat bla ebda riserva mir-rikorrent;*
>
> *3. In-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrent illi jipproponi l-istanza odjerna, u dana peress illi f'zewg okkazzjonijiet, hu accetta hlasijiet li saru lilu mis-socjeta' intimata ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu, liema hlasijiet hu accetta minghajr ebda riserva;*
>
> *4. Illi s-socjeta' intimata m'ghandha thallas xejn dwar overtime lir-rikorrent, billi hu gie mhallas ghal kull overtime minnu mahdum.*
>
> *Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez."*

3. Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Gunju, 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta)

filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet tal-kumpannija intimata, cahdet it-talbiet tal-attur;

4. L-attur appella mis-sentenza bl-aggravji:-

i. Rigward il-kompetenza tal-Qorti dwar *Notice Money* u kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Id-dritt tan-*notice money* m'huwiex xi haga li ghandu jigi kalkolat mit-Tribunal Industrijali. Tirreferi ghall-passat u m'hemm l-ebda element tal-futur, kif jissemma fil-proviso tal-Artikolu 81(2)(a). Kieku t-Tribunal dahal f'dawk l-elementi jew gie mitlub jikkunsidrahom, kien ikun qed imur *ultra vires*.

ii. Rigward nuqqas ta' hlas ta' *overtime*. L-ircevuta li ffirma l-attur kienet qeghda tirreferi biss ghal dak li kien thallas. Ma giex dikjarat li l-hlas kien qed isir bhala hlas tal-arretrati ta' *overtime*.

5. Il-konvenut wiegeb.

6. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

7. L-attur harrek lill-konvenuta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex thallsu €3,806.01, in kwantu ghal tmien xhur *notice money* ghall-perjodu ta' ghaxar gimghat skont l-artikolu 35(6) tal-Kap. 452 billi kien ilu iktar minn tmien snin jahdem mal-konvenuta, u u €710.91 hlas ta' *overtime*.

8. **<u>Fatti</u>**.

8.1 L-attur kien jahdem mas-socjeta' konvenuta.

8.2 Fl-20 ta' Ottubru, 2012, il-konvenuta tterminat l-impieg tal-attur minhabba li qalet li kien hemm ragunijiet dixxiplinarji.

8.3 Fit-22 ta' Ottubru, 2012 l-attur iffirma dikjarazzjoni li, *"... last pay of €1,247.94 by cheque HSBC 3593/9134 covers wages up to 20.10.2012 including all bonuses & another extra bonus of €358.66, vacation leave and overtime. I also declare that I have no further amounts to claim from Y & P Marketing Ltd"*.

8.4 L-attur ikkontesta t-tkeccija mix-xoghol permezz ta' proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors li pprezenta fis-7 ta' Dicembru, 2012.

8.5 B'decizjoni tat-2 ta' Ottubru, 2013 it-Tribunal Industrijali ddecieda li t-tkeccija ma kinitx gusta u ffissa kumpens ta' €1,500, li kellu jithallas fi zmien erba' gimghat mid-data tad-decizjoni.

8.6 Fit-18 ta' Ottubru, 2013 l-attur ipprezenta ittra ufficjali kontra l-konvenuta u nterpellaha thallas il-perjodu ta' avviz tat-temm ta' impieg.

**Konsiderazzjoni.**

9. Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, l-attur isostni li t-Tribunal Industrijali m'ghandux kompetenza li joqghod jikkalkola kemm kien ilu jahdem mal-principal li jkun keccieh; *"In-notice money hija bazata fuq kemm ilu fix-xoghol u min ihaddmu ikun obbligat ex lege li jhallas. Mhux kwistjoni ta' kalkolu ta' kumpens. Il-formula tohrog mil-ligi stess. Mhux kwistjoni ta' ammont li jigi deciz arbitrio boni viri.*

   *Il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali hija limitata skont l-Art 75 tal-Kap. 452. Ir-rimedji li jista' jaghti huma wiehed mit-tnejn. Jew l-impieg lura jew kumpens….*

   *Id-dritt tan-notice money mhux kwistjoni li tigi kalkolata mit-Tribunal. Tirreferi ghall-passat, u ma hemm l-ebda element ta' futur, kif jissemma fil-proviso tal-Artiklu 81(2)(a). Kieku t-Tribunal dahal f'dawk l-elementi jew gie mitlub li jikkunsidrahom, kien ikun qed imur ultra vires"*.

10. It-Tribunal Industrijali ghandu l-kompetenza li jisma' u jiddeciedi dawk il-kazijiet li jirrigwardaw tkeccija ingusta mix-xoghol (artikolu 75 tal-Kap. 452).

11. Fejn it-Tribunal Industrijali jsib li t-tkeccija kienet ingusta, jista' jaghti *"sentenza ta' kumpens li ghandha tithallas mill-principal"*, sakemm ma jordnax li l-impjegat ghandu jiddahhal lura ghax-xoghol. Skont l-artikolu 81(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), meta t-Tribunal jillikwida l-kumpens ghandu jqis *"… **<u>id-danni reali</u>** u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie imkecci minghajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi ohra….."*. Bil-kliem ***'danni reali'***, il-qorti ma tistax taqbel mal-attur li t-Tribunal jiddeciedi biss dwar telf fil-futur. Dan kien kaz fejn il-principal qabad u ttermina l-impieg tal-attur, li min-naha tieghu jippretendi li kellu jinghata avviz tat-temm ta' impieg skont l-artikolu 36(5) tal-Kap. 452. F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-attur inghata avviz ta' temm ta' impieg. Il-qorti ma tara xejn barra minn loku li f'kaz fejn l-impjegat jikkontesta t-tkeccija quddiem it-Tribunal Industrijali, fid-decizjoni t-Tribunal wkoll hlas ta' *notice money*, fejn jista' jkun dovut. Wara kollox, jekk dovuti, dawk ukoll huma *'danni reali'* li jkun sofra l-impjegat b'rizultat tat-tkeccija ngusta. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali kellu l-gurisdizzjoni biex fis-sentenza ta' kumpens jinkludi l-hlas li seta' kien dovut mill-principal bhala avviz tat-temm ta' impieg li ma nghatax. Inoltre, ladarba d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hi llum gudikat, m'ghandux ikun li jitqanqlu kwistjonijiet godda dwar dak l-impieg li l-impjegat kellu kull opportunita' li jqajjem quddiem l-istess Tribunal. Il-qorti tqies li hu wkoll barra minn kull logika li persuna l-ewwel ikollha tirrikorri quddiem it-Tribunal

minhabba t-tkeccija (artikolu 75), u fejn jigi kkonfermat li t-tkeccija tkun ingusta jkollha terga taghmel kawza ohra biex tirkupra dak li hu legalment dovut lilha. Dan meta dan jista jigi rkuprat fil-kawza quddiem it-Tribunal.

12. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellant argumenta:

*"… l-esponenti ma jafx jaqra u jaf jiffirma biss. Ir-ricevuta kienet qed tirreferi ghal dak li kien qed jigi saldat mal-mument tal-hlas. Dwar l-overtime ma giex dikjarat li kien qed isir hlas tal-arretrati ta' overtime. Ta' dak il-perjodu biss"*.

Il-qorti ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni li qieghed jaghti l-attur lill-iskrittura li ffirma fit-22 ta' Ottubru, 2012. M'hemm xejn li jista' jaghti lill-qorti x'tifhem li dak il-hlas m'huwiex ukoll ikopri l-arretrati ta' sahra, iktar u iktar meta tqies li hemm dikjarat li m'ghandux jircievi ammonti ohra minghand is-socjeta' konvenuta.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.